MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 115/2004

**Joseph Aquilina u b'nota tat-8 ta' Gunju, 2004 Mary Mabel sive Marion Aquilina, Alexandra sive Sandra Farina u Kenneth Aquilina assumew l-atti tal-kawza minflok Joseph Aquilina**

**vs**

**Josephine Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Jannar, 2004 fejn intqal illi fid-9 ta' Gunju, 2003 fi Triq Ghajn Tuffieha, San Pawl il-Bahar, waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura JBB 879, hija habtet mal-vettura EAW 528 tal-attur, u b'rizultat tal-kollizzjoni, ikkawzat danni li fil-vettura tal-attur, u ghal-liema kollizzjoni hija responsabbli unikament il-konvenuta**

**minhabba traskuragni, mperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte taghha.**
**Peress illi b’rizultat tal-imsemmi ncident il-vettura tal-attur giet dikjarata bhala *beyond economical repair* stante li l-hsarat relattivi jeccedu s-somma ta’ Lm1,000 li huwa l-valur tal-istess vettura u nonostante li l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas, hija baqghet inadempjenti.**
**Ghaldaqstant l-attur jitlob li l-konvenuta tigi ddikjarata unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, minhabba negligenza, mperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte taghha u li tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ Lm1,000.00c.**
**Bl-imghax mil-lum u bl-ispejjez inkluzi tal-ittra legali tad-9 ta’ Settembru 2003 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni taghha, kontra l-konvenuta li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni taghha.**

**Semgha x-xhieda ta’ PS 614 Saviour Garzia, Joseph Aquilina, Kenneth Aquilina. Ha in kunsiderazzjoni d-dokumenti esebiti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.**
**Ikkunsidra:**
**1. Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fi Triq Ghajn Tuffieha, San Pawl il-Bahar fid-9 ta’ Gunju, 2003 bejn il-vettura EAW 528 misjuqa mill-attur u l-vettura JBB 879 misjuqa Josephine Micallef.**
**2. Jirrizulta illi fejn sehh l-incident kien hemm ghadira kbira minn tarf sa iehor tat-triq, u l-incident sehh proprju fin-nofs ta’ din l-ghadira.**
**3. Skond ir-road accident report Dok A l-attur kien sejjer lejn il-bajja ta’ Ghajn Tuffieha gej mid-direzzjoni ta’ San Pawl. Il-vettura l-ohra kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Il-konvenut *a tempo vergine* ddikjara fl-istess okkorrenza “kien hemm ghadira kbira, gbidt lejn nofs it-triq. Giet vettura mill-faccata u baqa’ diehel fija.”**
**4. L-attur iddeskriva l-posizzjoni tieghu qabel l-incident bhala “hugging the wall” xi zewg piedi biss ‘l boghod mill-hajt. L-attur ighid li f’salt sab lill-konvenuta ma’ wiccu. L-attur ighid li ntlaqat fuq**

**quddiem minn nofs lejn il-lemin u bid-daqqa l-karozza tieghu daret. L-attur xehed li wara l-incident karozzi ohra ghaddew minn bejn il-vettura tal-konvenuta u l-hajt tant li anke *tow truck* ghadda.**

**5. Kenneth Aquilina iben l-attur kien mar mill-ewwel fuq il-post u sab il-vetturi fl-ghadira, u l-art imxarrba peress li kienet ghamlet ix-xita. L-istess xhud ma qabilx ma' l-iskizz inkwantu qal li l-vettura ta' missieru ma kienetx daqstant angolata, filwaqt li l-vettura tal-konvenuta kienet angolata. L-istess xhud qal li l-konvenuta kienet ammettiet mieghu li kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq biex tevita' l-ilma.**

**6. Is-Surgent PS 614 Saviour Garzia spjega illi fejn habtu kien hemm xi tnax-il pulzier ilma. Is-surgent jikkonferma li l-iskizz mhuwiex to scale. Is-surgent jikkonferma wkoll illi l-vetturi minn Ghajn Tuffieha jekk jaghfsu mal-hajt setghu jaghfsu wara l-incident. Skond hu meta mar kienet niezla xita qawwija. Is-surgent jikkonferma li l-konvenuta kienet qaltlu li gibdet ghal nofs it-triq.**

**7. It-Tribunal hu sodisfatt illi ghalkemm tassew u risaput illi f'dik il-parti tat-triq jingemgha hafna ilma, l-manuvra li ghamlet il-konvenuta meta hi harget ghal nofs it-triq kienet il-kawza unika tal-kollizzjoni li sehhet. Il-konvenuta, tenut kont ta' l-ghadira li kien hemm, kellha obbligu li tuza l-massima diligenza fil-manuvra li riedet taghmel, u mhux tibqa' hierga kif ghamlet. L-attur da parti tieghu qatt ma seta' jipprevedi illi karozza ser tigi minn fejn giet il-konvenuta filwaqt illi l-attur kien miexi fil-karreggjata tieghu. Ghalhekk ghall-incident ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli l-konvenuta. Bhala danni jirrizulta illi l-vettura giet dikjarata *beyond economical repair* peress illi l-hsarat kienu jeccedu s-somma ta' elf lira.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal isib lill-konvenuta Josephine Micallef unikament responsabbli ghall-incident li sehh u konsegwentement jikkundannaha thallas lill-atturi s-somma ta' elf lira (Lm1,000). Bl-imghaxijiet dekorribbli mill-20 ta' Jannar 2004.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-9 ta' Settembru 2003  u dawk ta' l-ittra ufficjali  20 ta' Jannar 2004 kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------